MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**IAN SPITERI BAILEY**

Seduta tat-23 ta' Ottubru, 2006

Talba Numru. 1473/2005

**FIT-TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**DR IAN SPITERI BAILEY LL.D. LL.M.**
**GUDIKATUR**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn 23 ta' Ottubru, 2006**

**Numru fuq il-lista :**

**Talba Numru : 1473/05ISB**

**Citadel Insurance p.l.c. (C21550) kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurata taghha Rita Sciberras (ID No. 215859(M)), sija bil-polza u sija bil-Ligi, u l-istess Rita Sciberras**

**Vs**

**Nazzarena Mifsud**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fil-11 ta' Lulju, 2005 fejn l-atturi qed jitolbu lit-Tribunal jikkundanna lill-konvenuta thallas is-somma premessa li tirraprezenta danni sofferti mill-attrici Rita Sciberras, in kwantu s-somma ta' erba` mija u seba` Liri Maltin u hamsa u sebghin centezmu (Lm407.75) rapprezentanti spejjez ta' riparazzjoni, ta' *parts*, u ta' spejjez ohra relatati, li ghalihom ghamlet tajjeb is-socjeta` attrici, u in kwantu l-bilanc ta' hamsin Lira Maltija (Lm50.00) rapprezentanti *excess* imhallas mill-attrici skond il-polza ta' assikurazzjoni tat-tip *fully comprehensive* li hija ghandha jew li kellha mas-socjeta` attrici, u ghall-liema danni tahti unikament il-konvenuta, minhabba imperizja, traskuragni, u nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku da parti l-istess konvenuta.

Illi l-konvenuta, ghalkemm interpellata, anke permezz ta' ittra ufficjali tat-8 ta' Frar, 2005, baqghet inadempjenti.

Bl-ispejjez, komprizi dawk tal-ittra ufficcjali tat-8 ta' Frar, 2005, u tal-ittra ufficcjali pprezentata kontestwalment kontra s-socjeta` assikuratrici tal-vettura misjuqa mill-konvenuta a tenur tal-Kap. 104 tal-Ligijiet ta' Malta, u bl-imghax legali sad-data tal-hlas effettiv tas-somma kollha.

Ra r-Risposta tal-konvenuta illi eccepiet illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjes kontra l-atturi, u dana stante illi l-incident in kwistjoni ma sehhx b'xi tort tal-konvenuta, izda sehh

unikament tort ta' Nazzareno Sciberras, minhabba traskuragni, imperizja u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tieghu, hekk kif ser jigi ppruvat ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Ra x-xhieda u d-dokumenti kollha prodotti.

Ra d-dikjarazzjoni tal-konvenuta permezz ta' l-Avukat taghha fis-seduta tat-18 ta' Mejju 2006 fejn stqarret illi ma kienx hemm kontestazzjoni fuq il- kwantum tad-danni.

Ra illi wara li l-abbli Avukati difensuri trattaw il-kawza, l-kawza thalliet ghall-lum ghas-sentenza.

Ikkunsidra :

Illi l-attur Nazzareno Sciberras, sewwieq tal-vettura Skoda Favorit BAH – 908 stqarr (xhiedha tat-18 ta' Mejju 2006) "*naqbel mal-mod kif gie mpingi l-isketch. Irrid nghid illi t-triq hija kemmxejn mxattra u minghajr ma trid iggenneb fuq in-naha ta' fejn spiccat il-vettura tieghi*".

Illi l-konvenuta Nazzarena Mifsud qalet illi qabel ma wasslet ghall-kantuniera, hija harset fil-mera ndikata fl-isketch u ma nnotat ebda vettura gejja kontriha. It-Triq kienet *clear* u meta daret fuq s-side taghha, hasset id-daqqa.

Ikkunsidra :

Illi mill-versjonijiet moghtija mill-istess sewwieqa kif korraborati fl-isketch tal-Pulizija, inoltre` mhux kkontestat, it-Tribunal ihoss illi s-sewwieq tal-vettura Skoda Favorit BAH – 908 ma hax il-prekawzjonijiet kollha necessarji meta gie ghall-kantuniera fejn sehh l-incident – aktar u aktar meta donnu hu stess kien jaf kemm hija antipatika dik l-istess kantuniera peress illi fi kliemu "*…minghajr ma trid, iggenneb fuq naha*".

Illi kollox jindika illi l-vettura ta' l-attur Skoda BAH – 908 kienet fuq n-naha l-hazina tat-Triq meta sehh l-incident u

t-Tribunal, anke in vista tal-fatt illi jidher illi l-konvenuta hadet minn naha taghha l-prekawzjonijiet kollha necessarji meta wasslet ghall-kantuniera, ma jistghax ma jghabbix lill-attur bir-responsabbilita` esklussiva ghall-incident de quo.

Ghaldaqstant, in vista tas-suespost, wara illi ha c-cirkostanzi kollha tal-kaz, t-Tribunal, b'ekwita` jaqta` u jiddeciedi billi jiddikjara illi l-incident mertu ta' din il-kawza sehh biss tort ta' imperizja, traskuragni u nuqqas ta' osservazzjoni tar-regolamenti tat-traffiku da parti ta' l-attur, u filwaqt illi jilqa` l-eccezzjonijiet tal-konvenuta, jichad it-talbiet attrici.

Bl-ispejjes kontra l-istess atturi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------